2024/2406

13.9.2024

# DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2024/2406

## tat-12 ta' Settembru 2024

## li temenda d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 dwar l-istandards Ewropej għal ċerti oġġetti għall-kura tat-tfal, għall-għamara tat-tfal, għat-tagħmir tal-ġinnastika u għal prodotti bil-laser

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Ottubru 2012 dwar l-Istandardizzazzjoni Ewropea, li jemenda d-Direttivi tal-Kunsill 89/686/KEE u 93/15/KEE u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti ([1]), b'mod partikolari l-Artikolu 4(2), l-ewwel subparagrafu tagħha,

Billi:

(1) L-Artikolu 3(1) tad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([2]) jirrikjedi li l-manifatturi jqiegħdu fis-suq prodotti sikuri biss.

(2) F'konformità mal-Artikolu 3(2), it-tieni subparagrafu, tad-Direttiva 2001/95/KE prodott għandu jitqies bħala sikur sa fejn u sakemm jirrigwarda r-riskji u l-kategoriji tar-riskji koperti bl-istandards nazzjonali rilevanti, meta jkun konformi mal-istandards nazzjonali volontarji li jittrasponu l-istandards Ewropej, li r-referenzi tagħhom ikunu ġew ippubblikati mill-Kummissjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, skont l-Artikolu 4 ta' din id-Direttiva.

(3) Skont l-Artikolu 4(1) tad-Direttiva 2001/95/KE, l-istandards Ewropej jitfasslu mill-Organizzazzjonijiet Ewropej tal-Istandardizzazzjoni f'konformità mal-mandati mogħtija mill-Kummissjoni.

(4) Skont l-Artikolu 4(2) tad-Direttiva 2001/95/KE, il-Kummissjoni għandha tippubblika r-referenzi ta' dawn l-istandards f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Ir-referenzi varji ta' standards bħal dawn adottati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE huma ppubblikati bid-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1698 ([3]).

(5) Fit-2 ta' Lulju 2010, il-Kummissjoni adottat id-Deċiżjoni 2010/376/UE li tistabbilixxi r-rekwiżiti ta' sikurezza għall-prodotti fl-ambjent tal-irqad għat-tfal, bħal saqqijiet tal-cot, cot bumpers, sodod imdendlin tat-trabi, duvets tat-tfal u sleep bags għat-tfal ([4]). Abbażi ta' din id-deċiżjoni, permezz tal-ittra M/497 tal-20 ta' Ottubru 2011, il-Kummissjoni talbet lill-Comité Européen de Normalisation ("CEN") sabiex jipprepara standards Ewropej relatati mar-riskji għas-sigurtà tat-tfal fl-ambjent tal-irqad.

([1]) ĠU L 316, 14.11.2021, p. 12, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2012/1025/oj.
([2]) Id-Direttiva Nru 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-3 ta' Diċembru 2001 dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 11, 15.1.2002, p. 4, ELI: http://data.europa.eu/eli/dir/2001/95/oj).
([3]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1698 tad-9 ta' Ottubru 2019 dwar standards Ewropej għall-prodotti abbozzati b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 259, 10.10.2019, p. 65, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec_impl/2019/1698/oj?locale=mt).
([4]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2010/376/UE tat-2 ta' Lulju 2010 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għal ċerti prodotti fl-ambjent tal-irqad għat-tfal skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 170, 6.7.2010, p. 39, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2010/376/oj?locale=mt).

(6) Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 16890:2017 "Għamara tat-tfal — Saqqijiet tal-cots u l-bennieni — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar li ġie ppubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-2020. Ġiet abbozzata emenda, A1: 2021, għall-istandard EN 16890: 2017 biex jiġi kkoreġut żball tekniku u referenza normattiva żbaljata dwar il-kejl tas-saqqijiet tal-cots u l-bennieni. Ġie introdott ukoll rekwiżit għall-ħxuna tas-saqqijiet biex tiġi żgurata s-sikurezza tal-prodotti. Sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-istandard EN 16890: 2017, jeħtieġ li tiġi inkluża referenza għal din l-emenda f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(7) Abbażi tat-talba tal-Kummissjoni bl-ittra M/497, is-CEN adotta wkoll l-istandard EN 12790–1:2023 "Oġġetti għall-kura tat-tfal — Bennieni f'pożizzjoni mmejla — Parti 1: Bennieni f'pożizzjoni mmejla għat-tfal sa meta jibdew jippruvaw ipoġġu bilqiegħda," u l-istandard EN 12790-2:2023 "Oġġetti għall-kura tat-tfal — Bennieni f'pożizzjoni mmejla — Parti 2: Bennieni f'pożizzjoni mmejla għat-tfal sa meta jibdew iqumu bilwieqfa". Il-bennieni f'pożizzjoni mmejla huma prodotti disponibbli b'mod wiesa' fis-suq Ewropew, b'karatteristiċi li jinkludu diversi movimenti u komponenti elettroniċi. Madankollu, bħalissa ma hemm l-ebda standard ippubblikat fil-*Ġurnal Uffiċjali*, biex tiġi vvalutata s-sikurezza tagħhom. L-istandard EN12790 jintroduċi rekwiżiti li jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali ta' sikurezza stabbiliti fid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa taż-żewġ partijiet tal-istandard EN12790, ir-referenza tiegħu jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(8) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/479/UE ([5]), il-Kummissjoni, permezz tal-ittra M/507 tal-5 ta' Settembru 2012, talbet lis-CEN biex iħejji standards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika.

(9) Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 913:2018 "Tagħmir tal-ġinnastika — Rekwiżiti ġenerali ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar", li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Filwaqt li qies għarfien ġdid, is-CEN abbozza l-istandard EN 913: 2018 + A1: 2021 li introduċa adattament importanti li jallinja l-eżemplari tat-test ma' standards rilevanti oħra tas-CEN/TC 136 "*Sports, playground u faċilitajiet u tagħmir rikreattivi oħra*". Adattament importanti ieħor jikkonċerna l-allinjament tal-piż tal-utent fit-tabella mal-piż tal-utent fit-test. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-istandard EN 913: 2018 + A1: 2021, ir-referenza tiegħu jenħtieġ li tiġi ppubblikata wkoll f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(10) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/786/UE ([6]), il-Kummissjoni, permezz tal-ittra M/508 datata Diċembru 2012, talbet lis-CEN biex jiżviluppa standards Ewropej għar-roti, ir-roti għat-tfal żgħar u l-mezzi ta' ġarr għar-roti.

(11) Abbażi ta' din it-talba, u filwaqt li qies l-għarfien ġdid, is-CEN adotta verżjoni ġdida tal-istandard EN 14344: 2022 "Oġġetti għall-kura tat-tfal — Seats tar-roti għat-tfal — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar", li kien jinkludi prodotti li ma kinux fil-verżjoni preċedenti tal-istandard (EN 14344: 2004 "Oġġetti għall-użu u l-kura tat-tfal — Seats tar-roti għat-tfal — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"), ippubblikat f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* fl-2005. Dawn l-aġġornamenti jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali ta' sikurezza stabbiliti mid-Direttiva 2001/95/KE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-istandard EN 14344, ir-referenza għall-verżjoni l-ġdida tal-istandard jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

([5]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/479/UE tas-27 ta' Lulju 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jintlaħqu mill-istandards Ewropej għal tagħmir tal-ġinnastika skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 197, 29.7.2011, p. 13, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2011/479/oj?locale=mt).

([6]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2011/786/UE tad-29 ta' Novembru 2011 dwar ir-rekwiżiti ta' sigurtà li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għar-roti, ir-roti għat-tfal żgħar, u l-mezzi ta' ġarr fuq ir-rota skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (ĠU L 319, 2.12.2011, p. 106, ELI: https://eur-lex.europa.eu/eli/dec/2011/786/oj?locale=mt).

(12) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/59/UE. ([7]) il-Kummissjoni Ewropea talbet lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika ("CENELEC") biex jiżviluppa standards li jikkonċernaw is-sikurezza tal-prodotti bil-laser għall-konsumaturi ([8]).

(13) Abbażi ta' din it-talba, is-CENELEC adotta l-istandard EN 50689:2021 "Is-sikurezza tal-prodotti bil-laser — Rekwiżiti partikolari għall-Prodotti bil-Laser għall-Konsumaturi". Dan l-istandard jissodisfa r-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti bid-Deċiżjoni 2014/59/UE. Għalhekk, sabiex tiġi żgurata l-applikazzjoni xierqa tal-istandard EN 50689: 2021, ir-referenza tiegħu jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(14) Abbażi tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/121/UE ([9]) il-Kummissjoni talbet lis-CEN biex iħejji standards Ewropej għal ċerti seats għat-tfal ([10]).

(15) Abbażi ta' din it-talba, is-CEN adotta l-istandard EN 17191:2021 "Għamara tat-Tfal — Seats għat-tfal — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar". Dan l-istandard jissodisfa r-rekwiżiti ta' sikurezza stabbiliti fid-Deċiżjoni 2013/121/UE. Għalhekk, ir-referenza tiegħu jenħtieġ li tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

(16) Għalhekk, jenħtieġ li d-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 tiġi emendata skont dan.

(17) Il-konformità mal-istandard nazzjonali rilevanti li jittrasponi l-istandards Ewropew li r-referenzi tiegħu ġew ippubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* tagħti preżunzjoni ta' sikurezza, sa fejn huma relatati r-riskji u l-kategoriji ta' riskji koperti mill-istandard nazzjonali rilevanti, mid-data tal-pubblikazzjoni tar-referenza tal-istandard Ewropew f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Għalhekk, jenħtieġ li din id-Deċiżjoni tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha.

(18) Sabiex il-manifatturi jingħataw biżżejjed żmien biex iħejju għall-applikazzjoni tal-istandards il-ġodda, riveduti jew emendati, ir-referenzi tal-istandards armonizzati li ġejjin jenħtieġ li jinżammu għal perjodu ta' 18-il xahar: EN 14344:2004 — "Oġġetti għall-użu u l-kura tat-tfal – Seats tar-roti għat-tfal — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"; EN 913:2018 "Tagħmir tal-ġinnastika — Rekwiżiti ġenerali ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"; EN 16890:2017 "Għamara tat-tfal — Saqqijiet tal-cots u l-bennieni — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar".

(19) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma f'konformità mal-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 15 tad-Direttiva 2001/95/KE,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 huwa emendat f'konformità mal-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

([7]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2014/59/UE tal-5 ta' Frar 2014 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej għall-prodotti bil-laser għall-konsumaturi skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sigurtà ġenerali tal-prodotti (ĠU L 36, 6.2.2014, p. 20, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX:32014D0059).

([8]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tal-5 ta' Frar 2015 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-Kumitat Ewropew għall-Istandardizzazzjoni Elettroteknika li tikkonċerna prodotti bil-laser għall-konsumaturi skont ir-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill (C (2015) 557 final).

([9]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2013/121/UE tas-7 ta' Marzu 2013 dwar ir-rekwiżiti ta' sikurezza li għandhom jiġu ssodisfati mill-istandards Ewropej dwar ċerti seats għat-tfal skont id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti (ĠU L 65, 8.3.2013, p. 23, ELI: https://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013D0121).

([10]) Id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni tat-22 ta' Lulju 2014 dwar talba ta' standardizzazzjoni lill-organizzazzjonijiet Ewropej tal-istandardizzazzjoni biex jiġu abbozzati standards Ewropej għal ċerti seats għat-tfal b'appoġġ għad-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, (C (2014) 5058 final).

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Il-punti (1), (3) u (5) tal-Anness I għandhom japplikaw mit-13 ta' Marzu 2026.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2024.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

L-Anness I tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2019/1698 huwa emendat kif ġej:

(1) titħassar ir-ringiela 2.

(2) tiddaħħal ir-ringiela 2a:

| | |
|---|---|
| "2a | EN 913:2018+A1:2021<br>Tagħmir tal-ġinnastika – Rekwiżiti ġenerali ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"; |

(3) titħassar ir-ringiela 46.

(4) tiddaħħal ir-ringiela 46a:

| | |
|---|---|
| "46a | EN 14344:2022<br>Oġġetti għall-kura tat-tfal -Seats tar-roti għat-tfal — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"; |

(5) titħassar ir-ringiela 52a.

(6) iddaħħal ir-ringiela 52a:

| | |
|---|---|
| "52a | EN 16890:2017+A1:2021<br>Għamara tat-tfal — Saqqijiet għall-cots u l-bennieni — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"; |

(7) jiddaħħlu r-ringieli 36(a), 36(b), 52(d), 65(a) li ġejjin:

| | |
|---|---|
| "36a | EN 12790-1:2023<br>Oġġetti għall-kura tat-tfal — Bennieni f'pożizzjoni mmejla — Parti 1: Bennieni f'pożizzjoni mmejla għat-tfal sa meta jibdew jippruvaw ipoġġu bilqiegħda |
| 36b | EN 12790-2:2023<br>Oġġetti għall-kura tat-tfal — Bennieni f'pożizzjoni mmejla — Parti 2: Bennieni f'pożizzjoni mmejla għat-tfal sa meta jibdew iqumu bilwieqfa". |

| | |
|---|---|
| "52d | EN 17191:2021<br>Għamara tat-tfal — Seats għat-tfal — Rekwiżiti ta' sikurezza u metodi ta' ttestjar"; |

| | |
|---|---|
| "65a | EN 50689:2021<br>Sikurezza ta' prodotti bil-laser — Rekwiżiti Partikolari għall-Prodotti bil-Laser għall-Konsumaturi" |